MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 6/2009/1

**Keyland Co Ltd u Dots Ltd**

**vs**

**Josephine Xuereb**

**Il-Qorti,**

Fil-11 ta' Marzu, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti provvediment fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti,
>
> Rat ir-rikors ta' ritrattazzjoni ta' Josephine Xuereb u li bih wara li ppremettiet illi permezz ta' rikors fl-ismijiet Keyland Co. Limited (C17837) u Dots Limited (C31924) vs Josephine Xuereb (ID 460572M) u bin-numru 94/2007 ir-ritrattati kienu talbu, wara li ghamlu d-debiti premessi, l-

kundanna tar-ritrattanda Josephine Xuereb sabiex, prevja d-dikjarazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti illi l-istess ritrattanda ddekadiet mill-obbligi taghha fuq il-konvenju tas-27 ta' Novembru 2006 minghajr ebda raguni valida skond l-istess konvenju u/jew skond il-ligi, tigi ordnata thallas is-somma ta' tlett elef Lira Maltin (Lm3,000) illum ekwivalenti ghal sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin Ewro u tnax-il-centezmu (€6,988.12) rapprezentanti danni prelikwidati dovuti mill-istess ritrattanda lis-socjetajiet ritrattati skond l-istess konvenju u li sad-data ta' l-avviz kien ghadhom m'humiex imhallsa, bl-imghaxijiet legali mit-22 ta' Frar 2007 u bl-ispejjez kollha inkluz taz-zewg ittri ufficjali datati 22 ta' Frar 2007, kollox kontra r-ritrattanda li giet ingunta ghas-subizzjoni;

Illi b'sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tad-9 ta' Gunju 2008 fil-kontumacja tar-ritrattanda t-talbiet attrici fl-imsemmija kawza numru 94/2007 gew milqugha kif dedotti fir-rikors promotorju u r-ritratanda giet kundannata thallas lis-'socjeta attrici' s-somma ta' tlett elef Lira Maltin (Lm3,000) ossija sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin Ewro u tnax-il centezmu (€6,988.12) bl-imghax legali mit-22 ta' Frar 2007 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-22 ta' Frar 2007;

Illi r-ritrattandi hasset ruhha aggravata b'din is-sentenza u ghalhekk qieghda tinterponi l-presenti umili rikors biex l-istess sentenza tigi ritrattata;

Illi r-ritrattandi tissottometti bir-rispett li r-rikors li bih infethu l-proceduri li taw lok ghas-sentenza ritratata ma giex notifikat lill-parti telliefa fil-kawza 94/2007, ossija r-ritrattanda fil-proceduri odjerni, tant li din ma dehritx fis-smiegh tal-kawza, u b'hekk hemm lok ghar-ritrattazzjoni tal-fuq imsemmija sentenza a tenur ta' l-Aritkolu 811(b) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi d-difett fin-notifika jirrizulta mill-fatt illi r-ritrattanda baqghet ad insaputa ta' l-imsemmija kawza u ntebhet biss bis-sentenza li kienet inghatat kontra taghha meta r-ritrattati ottjenew kontriha mandat ta' sekwestru ezekuttiv ghall-ammont likwidat fis-sentenza ritrattata. Sa dakinhar it-terminu ta' l-appell naturalment kien lahaq ghalaq u s-sentenza ritrattata saret finali, u ghalhekk ir-ritrattanda, minhabba li ma kienitx giet notifikata bir-rikors, tilfet ukoll ic-cans li tappella mis-sentenza ritrattata;

Illi r-ritrattandi tissottometti ulterjorment illi s-sentenza ritratata tikkontjeni fiha applikazzjoni zbaljata tal-ligi u ghalhekk hemm ukoll lok ghar-ritrattazzjoni ta' l-istess sentenza a bazi ta' l-Artikolu 811(e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi r-ritrattandi tirraviza din l-applikazzjoni zbaljata fil-ligi fin-nuqqas ta' Onorabbli Qorti li tapplika r-regola li l-kontumacja titqies bhala kontestazzjoni u mhux bhala ammissjoni tat-talba minflok il-Qorti qieset it-talbiet bhala ammessi stante l-kontumacja tar-ritrattanda. L-istess jista' jinghad ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 702(3) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili dwar il-kapitolu fejn il-Qorti qieset li t-talbiet kienu gew ammessi in subizzjoni minkejja li l-ligi trid espressament li biex il-kapitoli jigu mistqarra meta l-konvenut jonqos li jidher ghas-seduta m'ghandux ikun hemm 'raguni tajba ghal dak in-nuqqas', u fil-kaz odjern l-Onorabbli Qorti injorat il-fatt li r-ritrattanda ma setghetx tkun prezenti meta nqraw il-kapitolu peress li lanqas biss kienet taf bil-kawza;

Illi barra minn hekk ir-ritrattandi tissottometti bir-rispett illi hemm ukoll lok ghar-ritrattazzjoni ta' l-istess sentenza a tenur ta' l-Artikolu 811(i) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi l-parti dispozitiva tas-sentenza tikkontjeni dispozizzjonijiet kuntrarji ghal xulxin.

Illi r-ritrattandi tirraviza d-dispozizzjonijiet kuntradittorji fil-fatt illi fid-*decide* taghha l-Qorti l-ewwel tghid illi qieghda tiddeciedi billi 'tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti mill-istess rikors' u cjoe' t-talba ghall-hlas ta' Lm3,000 mill-konvenuta **<u>liz-zewg socjetajiet attrici</u>**, u imbaghad tkompli biex 'tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas **<u>lis-socjeta' attrici</u>** s-somma ta' Lm3,000 ossija €6988.12, u hekk tiftiehem illi s-somma ta' Lm3,000 m'ghandiex tinqasam bejn iz-zewg socjetajiet attrici (u li huma z-zewg socjetajiet ritrattati fil-procedura odjerna);

Illi minhabba din l-istess dicitura r-ritrattandi tissottometti inoltre illi hemm ukoll lok ghar-ritrattazzjoni ta' l-istess sentenza in bazi ta' l-Artikolu 811(g) tal-Kodici ta' Organizzazzoni u Procedura Civili u dan billi is-sentenza ritrattata fil-parti dispozitiva taghha taghti izjed minn dak li ntalab;

Illi r-ritrattandi tispjega illi meta fis-sentenza ritrattata l-Qorti ordnatha thallas is-somma ta' Lm3,000 *'lis-socjeta' attrici'* effettivament il-Qorti kienet qieghda taghti lil socjeta' wahda somma darbtjen daqs dik li intalbet minnha, meta *se mai* dak li setghet taghmel il-Qorti kien li tikkundanna lir-ritrattandi thallas somma wahda ta' Lm3,000 li tinqasam ugwalment bejn iz-zewg socjetajiet ritrattati;

Talbet bir-rispett filwaqt li taghti kull garanzija mehtiega mill-ligi, li din l-Onorabbli Qorti joghgobha :

1. tirrexxindi u thassar is-sentenza fuq imsemmija fl-ismijiet premessi tad-9 ta' Gunju 2008 u dan minhabba li hija vizzjata kif inghad hawn fuq u dan ghat-tenur tal-artikolu 811 (b), (e), (g) u (i) tal-kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u
2. tordna konsegwentement ir-ritrattazzjoni ta' l-istess kawza skond il-ligi;

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tar-ritrattati ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjetajiet intimati (fol 6 tal-atti) u li biha esponew bir-rispett:-

Illi fid-9 ta’ Gunju, 2008, dina l-Qorti bhala Qorti ta’ l-ewwel grad ippronunzjat is-sentenza ritrattata fejn laqghet it-talbiet ta’ l-esponenti ritrattati kif mitluba fir-rikors 94/2007 u kkundannat lir-ritrattandi thallashom is-somma ta’ sitt elef disa’ mija tmienja u tmenin euro u tnax-il centzamu (€6988.12) bl-imghax legali mit-12 ta’ Frar 2007 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-22 ta’ Frar 2007.

Illi fit-23 ta’ Dicembru 2008, ir-ritrattandi intavolat ir-rikors promotur taghha fejn tablet lil dina l-Qorti tirrexxindi u thassar is-sentenza taghha tad-9 ta’Gunju 2008 fl-ismijiet premessi u konsegwentement tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza skond il-ligi;

Illi l-kumpanniji ritrattati qeghdin jintavolaw dina r-risposta taghhom ai termini tad-digriet ta’ dina l-Qorti tal-25 ta’ Jannar 2009;

Illi l-kumpanniji ritrattati, filwaqt illi jenfasizzaw li s-sentenza ta’ din il-Qorti tad-9 ta’ Gunju 2009 fl-ismijiet premessi tikkostitwixxi *‘res judicata’* bejn il-partijiet, u jirrilevaw illi r-rimedju ta’ ritrattazzjoni huwa rimedju straordinarju u eccezzjonali u li certament mhuwiex intiz sabiex johloq qorti tat-tielet grad, qeghdin jopponu ghat-talbiet tar-ritrattandi u jissottomettu illi dina l-Qorti ghandha tichad it-talbiet tar-ritrattandi kif dedotti fir-rikors promotur taghha tat-23 ta’ Dicembru 2008 u dan ghas-segwenti ragunijiet:

(1) Illi in linea preliminari l-kumpanniji ritrattati jirrilevaw illi r-ritrattanda m’osservatx id-

dispozizzjonijiet tal-Artikolu 815 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta li jistipula li talba ghal ritrattazzjoni quddiem Qorti inferjuri ta’ l-ewwel grad bhalma hija dina l-Qorti kellha ssir permezz ta’ “**rikors guramentat**”;

Illi jidher bic-car li l-azzjoni proposta mir-ritrattanda saret permezz ta’ rikors u mhux permezz ta’ rikors guramentat skond il-formalijiet rikjesti ghall-istess ai termini ta’ l-Artikolu 156 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema fatalita’ twassal ghan-nullita’ ta’ l-istess azzjoni kif espressament stipulat fl-Artikolu 164(1) tal-Kapitolu 12 ta’ Malta;

Illi ghal din ir-raguni din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni tat-talbiet tar-ritrattanda peress li hemm lanjanzi procedurali li jwasslu ghan-nullita ta’ l-istess azzjoni, u ghalhekk it-talbiet tar-ritrattanda ghandha jigu michuda;

(2) Ili bla pregudizzju ghas-suespost, u fil-kaz li dina l-Qorti ma tilqax id-difiza preliminari tal-kumpanniji ritrattati, fuq il-mertu, it-talbiet tar-ritrattanda huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda ghas-segwenti ragunijiet:

(i) Illi fl-ewwel lok, ir-ritrattanda qeghda titlob ir-ritrattazzjoni tas-sentenza ta’ dina l-Qorti fl-ismijiet premessi tad-9 ta’ Gunju 2008 a tenur ta’ l-Artikolu 811(b) tal-Kapitolu 12 li jaghti lok ghal ritrattazzjoni fejn il-parti telliefa ma tkunx giet notifikata bir-rikors tal-kawza u lanqas ma tkun dehret ghas-smiegh;

Illi bir-rispett kollu jigi sottomess illi wara li l-kumpanniji ritrattati ma rnexxielhomx jinnotifikaw lir-ritrattanda bil-mezz ta’ notifika ordinarja u kif ukoll bil-purtier, bil-permess ta’ dina l-Qorti ir-ritrattanda giet debitament notifikata bl-atti kollha tal-Avviz numru 94/2007 a tenur ta’ l-Artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12, inkluz permezz tal-pubbikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern tat-18 t’April

2008 u fil-gurnal lokali “*The Times*” tat-28 t’April 2008;

Illi in vista tal-fatt li r-ritrattanda giet debitament notifikata skond il-ligi, it-talba ghal ritrattazzjoni a tenur tal-Artikolu 811 (b) tal-Kapitolu 12 hija insostenibbli u ghandha tigi michuda;

(ii) Illi fit-tieni lok, ir-ritrattanda ssostni illi hemm lok ghal ritrattazzjoni ghas-sentenza in kwistjoni a tenur tal-Artikolu 811(e) tal-Kapitolu 12 peress li skond ir-ritrattanda dina l-Qorti, rinfaccjata bil-kontumacja taghha, ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi;

Illi l-kumpanniji ritrattati jsostnu li dina l-Qorti mxiet skond il-ligi meta fin-nuqqas tar-ritrattanda pprezentaw kapitolu, u ai termini tal-Artikoli 698 u 702(3) tal-Kapitolu 12, it-talbiet tal-kumpanniji ritrattati kellhom jitqiesu bhala mistqarra. Ghaldaqstant, fid-dawl tal-fatt li gie pprezentat il-kapitolu, l-argument tar-ritrattanda li l-kontumacja taghha kellha titqies bhala ontestazzjoni u mhux ammissjoni hija insostenibbli;

Illi ghamlet sewwa dina l-Qorti li fin-nuqqas tar-ritrattanda u bla ma seta’ jkun hemm ebda raguni tajba ghall-istess nuqqas wara li kienet giet debitament notifikata ai termini tal-Artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12, qieset il-kapitolu bhala mistqarr mir-ritrattanda;

Illi in oltre’, r-ritrattandi naqset milli tindika b’mod préciz liema kienet il-ligi li fl-opinjoni taghha kellha tigi applikata minn dina l-Qorti minlfok l-artikolu 698 u 702(3) tal-Kapitolu 12. In vista ta’ dan in-nuqqas, u fid-dawl tas-suespost, lanqas dina r-raguni ghal ritrattazzjoni m’hija sostenibbli;

(iii) Illi fit-tielet lok, ir-ritrattanda ssostni li l-parti dispozitiva tas-sentenza tikkontjeni dispozizzjonijiet kuntrarji ghal xulxin li ghandhom

iwasslu ghal ritrattazzjoni a tenur tal-Artikolu 811(i) tal-kapitolu 12;

Illi r-ritrattanda qeghda tibni l-argument kollu taghha minhabba li fid-*decide* tas-sentenza tad-9 ta’ Gunju, 2008, dina l-Qorti ghamlet riferenza ghas-*socjeta’* attrici, meta ftit qabel irreferiet ghas-*socjetajiet* attrici. Il-kumpaniji ritrattati ma jistghux jifhmu kif dan in-nuqqas tipografiku jista’ jwassal ghal dispozizzjonijiet kuntrarji ghal xulxin fis-sentenza. Huwa inekwivoku u ma hemm lok ghal ebda interpretazzjoni ohra illi r-ritrattanda giet ikkundannata thallas is-somma inkwistjoni liz-zewg socjetajiet u mhux lil xi socjeta partikolari;

Illi l-uniku rimedju li taghti l-ligi ghall-korrezzjoni ta’ dan l-izball huwa talba lill-Qorti permezz ta’ rikors ai termini ta’ fl-Artikolu 825(2) tal-Kapitolu 12, fejn fi zmien tletin (30) jum mis-sentenza, il-Qorti setghet tintalab taghmel tali korrezzjoni. Ghalhekk il-kumpanniji ritrattati jsostnu illi tali zball ma jista’ qatt iwassal ghat-thassir tas-sentenza tad-9 ta’ Gunju 2008 u s-smiegh mill-gdid tal-kawza;

(iv) Illi b’konsegwenza tal-izball tipografiku suriferit, ir-ritrattandi sahansitra ssostni illi hemm ukoll lok ghal ritrazzjoni ai termini tal-Artikolu 811(g) tal-Kapitolu 12 ghaliex skond ir-ritrattandi l-parti dispozittiva tas-sentenza taghti izjed minn dak li intalab;

Illi bir-rispett kollu, il-kumpanniji ritrattati ma jistghux jifhmu kif mis-sentenza tad-9 ta’ Gunju 2008 wiehed jista’ jasal ghal tali interpretazzjoni u huwa certament inkorrett l-argument tar-ritrattandi li *‘effettivement il-Qorti kienet qieghda taghti lil socjeta’ wahda somma darbtejn daqs dik li intalbet minnha’*. Jinghad illi l-ewwel Qorti f’ebda hin ma identifikat tali *‘socjeta’* ghaliex dejjem kienet tqeghda tirreferi ghaz-zewg kumpanniji flimkien kif wara kollox kienet giet impostata l-kawza. Ghal

dina r-raguni, it-talbiet tar-ritrattandi ghandhom jigu michuda f'dan il-kaz ukoll;

Ghaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, il-kumpaniji ritrattati filwaqt illi jirrizervaw id-dritt li bil-permess tal-Qorti jaghmlu sottomissjonijiet ulterjuri waqt is-smiegh ta' dan ir-rikors, jissottomettu illi dina l-Qorti ghandha tichad it-talbiet kollha tar-ritrattandi, bl-ispejjez kollha ta' dina l-procedura kontra taghha.

Rat ir-rikors ulterjuri sottomess mir-rikorrenti fil-kaz odjern (fol 18 ibid) u li bih wara li ppremettiet:-

1. Illi r-rikorrenti tixtieq tavalixxi ruhha mill-provvedimenti tal-Artikolu 175(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedra Civili – liema Artikolu tal-ligi jghid kjarament illi l-Qorti tista' fuq talba ta' wahda mill-partijiet tordna s-sostituzzjoni ta' kwalsijasi atti – u dana sabiex tissostitwixxi r-rikors promotur intavolat minnha;
2. Illi ghal tal fini r-rikorrenti qieghda tannetti ma' dan ir-rikors rikors guramentat immarkat bhala Dokument "JX1" biex jigi sostitwit minflok ir-rikors promotur ipprezentat minnha fit-23 ta' Dicembru 2008;
3. Illi tali sostituzzjoni hija permessa mil-ligi u dana *inter alia* fuq l-iskorta tal-imsemmi Artikolu 175(1), tal-Artikolu 164 tal-istess Kodici li jhalli salvi l-provvedimenti tal-istess Artikolu 175, kif ukoll tal-proviso tal-Artikolu 789(1) tal-Kap. 12.
4. Illi inoltre tali sostituzzjoni bl-ebda mod ma sejra tbiddel fis-sustanza l-azzjoni odjerna stante l-identita' tat-talbiet;
5. Ghaldaqstant ir-rikorrenti qieghda titlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna s-sostituzzjoni tar-rikors promotur tat-23 ta' Dicembru 2008 li bih infethet il-prezenti kawza ta' ritrattazzjoni bir-rikors guramentat anness u mmarkat bhala dokument 'JX1'. (a fol 20 et seq tal-istess atti).

Semghet lill-partjiet.

Ikkunsidrat

Illi, dan id-digriet jirreferi ghall-imsemmi rikors ulterjuri u li permezz tieghu, Josephine Xuereb, ghar-ragunijiet fih premessi, talbet is-sostituzzjoni tar-rikors promotur b'dak markat "DokJX1" a fol 20 et seq ibid. Din it-talba tirreferi ghall-ewwel (1) premessa fir-risposta tas-socjetajiet intimati fejn jinghad illi ir-rikors promotur hu null stante li ma kienx guramentat mill-istess Josephine Xuereb.

Illi hu minnu illi r-rikors promotur ghandu dan in-nuqqas, fatt li bl-ebda mod ma gie kontestat anke mill-lat legali.

Illi, pero', l-Qorti tara li tali nuqqas ma hux b'xi mod, jbiddel is-sustanza tal-azzjoni in esami jew tipppregudika l-eccezzjonjiet fuq il-meritu tal-kaz (Artikolu 175(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Ghalhekk, wara li gie konsiderat ukoll l-artikolu 164 ibid, jidher li t-talba in esami ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talba kif maghmula fir-rikors ulterjuri in esami u Tordna s-sostituzzjoni tar-rikors promotur li bih infethet din il-kawza fit-23 ta' Dicembru 2008 bir-rikors guramentat markat bhala Dok JX1 a fol 20 tal-atti.

Bl-ispejjes riservati."

B'rikors tal-20 ta' Marzu, 2009 il-kumpaniji ritrattati talbu, u ottjenew il-permess biex jappellaw lil din il-Qorti mill-provvediment ta' l-ewwel Qorti hawn fuq riportat, u li permezz tieghu dik il-Qorti laqghet it-talba tar-ritrattandi ghas-sostituzzjoni ta' l-att promotur tar-ritrattazzjoni. L-appell taghhom hu principalment bazat fuq l-aggravji illi l-

ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni u applikazzjoni hazina ta' l-Artikolu 175 (1) tal-Kodici ta' Procedura f'abbinament ma' l-Artikolu 164 ta' l-istess Kodici.  Huma jargomentaw illi b'dak provvdut mill-Qorti din giet li ssanat azzjoni nulla *ipso lege* billi ssostitwitha fl-intier taghha b'mod retroattiv;

Il-kwestjoni li kellha quddiemha l-ewwel Qorti kienet din. Ir-ritrattandi Josephine Xuereb ipprezentat rikors ta' ritrattazzjoni li ma kienx ukoll wiehed guramentat a tenur ta' l-Artikolu 815, Kapitolu 12.  B'rikors tas-17 ta' Frar, 2009 l-istess ritrattandi talbet is-sostituzzjoni tar-rikors promotur taghha skond il-forma tar-rikors guramentat kif irid il-predett artikolu.  L-appellanti opponew talba bhal din izda, fuq il-konsiderandi minnha maghmula fil-provvediment taghha tal-11 ta' Marzu, 2009, l-ewwel Qorti ghaddiet biex akkoljietha;

Hu provvdut mill-Artikolu 164 (1), Kapitolu 12 illi "ikun hemm nullita jekk kawza illi jmissha tingieb b'rikors guramentat jew b'rikors ta' appell minflok tingieb permezz ta' xi att gudizzarju iehor".  B'mod generali hu wkoll stabbilit mill-istess Kodici ritwali, ex-Artikolu 789, illi tista' titqajjem l-eccezzjoni tan-nullita "jekk in-nullita hija ddikjarata mil-ligi espressament" [sub para. (a)] jew "jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarita essenzjali espressament mehtiega mil-ligi" [sub para (d)].  Hu pero notat illi skond dawn l-istess disposizzjonijiet l-ligi taghmel rizerva billi fil-kaz wiehed tistatwixxi "bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 175 ta' dan il-Kodici" (Artikolu 164) u fil-kaz l-iehor billi tipprovdi permezz ta' proviso illi "dik l-eccezzjoni ta' nullita kif mahsuba fil-paragrafi (a), (c) u (d) ta' dan is-subartikolu ma tkunx tista' tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull disposizzjoni ohra tal-ligi" [Artikolu 789 (1)];

Dan premess, ma jidherx li jkun inopportun li jigi ribadit anke hawnhekk illi, gja minn qabel l-emendi apportati ghall-Kodici ta' Procedura bl-Att XXIV ta' l-1995 u xi atti

ohra statutorji li segwew, il-Qrati taghna kienu, aktar mill-formalismu u l-legalismu, jiffokaw fuq dak "li hu skond il-haqq u s-sewwa, fuq il-gustizzja sostanzjali, xi drabi wkoll, fejn jinhtieg, immoderata mill-principji ta' l-ekwita li wisq tajjeb giet imfissra bhala '*la giustizia del dato caso*'." Ara "**Salvatore Tonna -vs- Carmelo Chetcuti *et***", Appell Civili, 16 ta' Novembru, 1934;

Dejjem l-istess Qorti, in referenza partikolari ghall-Artikolu 175(1) tal-Kapitolu 12, kienu jsostnu illi, salv li ma jkunx hemm tibdil fis-sustanza ta' l-azzjoni jew ta' l-eccezzjoni, l-istess dispost kien "rimedju prattiku u spiccattiv tal-korrezzjoni ta' l-atti gudizzjarji fil-limitu u fil-perspettiva korretta ta' l-ispirtu uniformatur tad-disposizzjoni, cjoe il-heffa fil-proceduri gudizzjarji u l-helsien taghhom mill-formalizmu rigoruz ta' sekoli ohrajn" ("**Caterina Gerada -vs- Avv. Dr. Antonio Caruana**", Prim' Awla, Qorti Civili, 19 ta' April, 1966 per Imhallef Maurice Caruana Curran). F'din l-istess sentenza ssokta jinghad dan: "L-unici restrizzjonijiet huma ghalhekk (a) dawk gja msemmija li jirrigwardaw mhux il-kawza imma l-effetti ta' l-izball fuq is-sostanza tad-domanda u tad-difiza, u (b) id-diskrezzjoni tal-Qorti li naturalment ghandha wkoll certa importanza ghax huwa l-gudikant li l-izjed jista' jara jekk, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, ghandux jew le jakkorda l-korrezzjoni. Kwantu ghal din id-diskrezzjoni l-Qorti tifhem li, biex il-ligi ma ssirx strument ta' formalizmu u sottiljezzi li ma jappellawx ghall-ezigenzi kostruttivi tal-hajja moderna, il-korrezzjoni ghandha tinghata kull fejn dan jista' jsir minghajr diskapitu ghas-sustanza". Gja erbghin sena qabel din, kien gie elokwentement osservat illi "*il sistema della moderna legislazione tende ad evitare la moltiplicazione e la dilazione delle liti e a diminuire il dispendio, scoraggiando quelle liberazioni e quelle nullita` a semplici errori a cui il rigido formalismo si attaccava con troppa severita` e poco riguardo agli interessi dei contendenti e dell'amministrazione della giustizia in generale*" ("**Giovanni Mifsud *et* -vs- Carmela vedova Zammit**", Appell Civili, 1 ta' Marzu, 1926;

Sa mill-bidunett ta' l-introduzzjoni ta' l-emendi ghal Kodici bl-Att XXIV ta' l-1995 u li wessghu sensilbilment id-dispost ta' l-Artikolu 175, il-Qrati rrikonoxxew illi t-termini ta' dan l-artikolu huwa issa ferm wiesgha sal-punt li l-Qorti tista' tawtorizza s-sostituzzjoni ta' xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi. Ara "**Magistrat Dottor John Formosa *et* -vs- Joseph Fenech**", Appell, 4 ta' Dicembru, 1995, li, incidentalment, kompliet tikkonsilja studju ampju ta' l-impatt veru u ta' l-estensjoni ta' l-Artikolu 175. Ezami dan aggornat mill-istess Qorti fis-sentenzi posterjuri fl-ismijiet "**Walsh's Limited -vs- Awtorita` ta' l-Ippjanar**", 18 ta' Frar, 1997 u "**Alfred P. Farrugia *nomine* -vs- Charles Borg**", 30 ta' Marzu, 2001. Proprju f'din ta' l-ahhar, b'referenza ghall-Artikolu 164, gie enuncjat illi "l-Artikolu 175 jaghti proprju poter lill-Qorti biex tordna li jsiru korrezzjonijiet fl-iskritturi f'kull zmien tal-proceduri"; f'dak il-kaz is-sostituzzjoni tal-forma tal-"petizzjoni" ta' l-appell b'dik tar-"rikors". Huwa evidentement car minn dan illi tbieghed iz-zmien minn meta, ghal qaghda konsimili, il-Qrati kienu joptaw ghall-irritwalita` u n-nullita` tal-procedura ta' l-appell ghax tkun sar b'forma diversa minn dik prospettata fil-ligi. Ara ad ezempju "**Paolo Spiteri -vs- Leonardo Spiteri**", Appell Civili, 4 ta' Dicembru, 1979, "**Leslie Causon *nomine* -vs- Godwin Abela *nomine***", Appell Inferjuri, 2 ta' Dicembru, 1994 u s-sentenzi f'din kompendjati;

Maghmula din l-introduzzjoni bl-assistenza tal-gurisprudenza maghrufa, hi l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi fil-procedura prezenti l-ewwel Qorti sewwa ddecidiet meta ppermettiet is-sostituzzjoni ta' l-att introduttiv tal-gudizzju, bl-addattament ghal partikolarita` tar-rit prevvist mil-ligi fl-Artikolu 815 tal-Kodici ta' Procedura. Fir-rigward, il-Qorti taghmel dawn ir-riflessjonijiet agguntivi ghal dawk ta' l-ewwel Qorti:-

1. Ibda biex, il-procediment ghall-korrezzjoni ta' l-atti skond l-Artikolu 175 hu mahsub biex jirrimedja ghall-vizzji formali, u dment li l-korrezzjoni mitluba ma tincidix fuq il-kontenut sostanzjali, l-att hekk vizzjat huwa emendabbli;

2. Kif taraha, imbaghad, din il-Qorti l-procedura tal-korrezzjoni ma tikkostitwix att gdid jew fazi processwali gdida izda hi merament incidentali, diretta biex tidentifika u tippreciza bl-espressjoni grafika korretta l-forma ta' l-att promotur. L-att hekk rinnovat fil-forma li trid il-ligi jipproduci l-effetti processwali kollha tieghu, salv u impregudikat dejjem il-verifika ta' xi dekadenza, li f'dan il-kaz ma jidherx li tqanqlet;

3. Il-korrezzjoni koncessa f'dan il-kaz mill-ewwel Qorti la kienet tbiddel is-sustanza ta' l-azzjoni u lanqas dik ta' l-eccezzjoni "fuq il-mertu tal-kawza" (Artikolu 175). Wisq anqas li minn dik il-korrezzjoni kien jidderivi xi pregudizzju lis-socjetajiet appellanti relattivament ghad-difizi taghhom fil-mertu. Ara fuq il-punt is-sentenza tal-Prim' Awla Qorti Civili tat-18 ta' Ottubru, 1999 fl-ismijiet "**General Workers' Union -vs- Malta International Airport plc *et***", konfermata in sede appell, anke jekk fuq konsiderazzjonijiet ohra, fit-28 ta' April, 2000.

Ghal motivi kollha predetti din il-Qorti qed tirrespingi l-appell u tikkonferma l-provvediment ta' l-ewwel Qorti bl-ispejjez jitbatew mis-socjetajiet appellanti. Tirrimanda l-atti lura lill-ewwel Qorti ghat-trattazzjoni u decizjoni tal-kaz quddiemha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------